**27 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Eddie Micallef

*versus*

L-*Attorney General* u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Ġust – Kawża Kriminali – Prova – Xhud – Ammissjoni ta' – Appell minn – Appellabilità**

*Appell minn digriet ta' l-ewwel Qorti li ammettiet il-produzzjoni ta' xhud fi proċeduri ta' ksur ta' drittijiet fundamentali pendenti quddiemha. Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti f'tali materja ma għandhiex tiġi faċilment iddisturbata. Il-liġi ma tikkontemplax appell minn ordni tal-Qorti b'liema jiġi ammess is-smigħ ta' xhud imma biss fejn dik it-talba tiġi miċħuda.*

*Għalhekk kieku l-ewwel Qorti llimitat ruħha biex tagħti biss ordni u mhux digriet dak l-ordni ma kienx ikun appellabbli. Għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell interpost.*

1. Kien sar rikors quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li fih Eddie Micallef allega illi huwa sofra vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal trattazzjoni ġusta fil-kawża kriminali proposta kontra tiegħu u definita mill-Qorti ta' Appell Kriminali

Superjuri fit-30 ta' Ottubru, 1991, – kontra dak li hemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani;

2. Waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ir-rikorrent talab li jipproduċi bħala xhud lill-Arkitett u Inġinier Ċivili David Pace, u għalhekk l-intimati opponew it-talba, il-Qorti għall-kuntrarju, laqgħetha, b'digriet tat-18 ta' Frar, 1993, fejn intqal:

"Peress illi, salvi u impreġudikati l-punti l-oħra kollha in kontestazzjoni f'din il-kawża, ikun xieraq illi r-rikorrent ikollu l-opportunità jressaq dawk il-provi kollha rilevanti in sostenn tat-teżi tiegħu, u, fil-fehma tal-Qorti, ix-xiehda ta' l-istess Arkitett u Inġinier Ċivili hija f'dan il-kontest rilevanti;

Tilqa' t-talba, u tawtorizza s-smigħ ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili David Pace, li għandu jiġi mħarrek mir-rikorrent biex jidher fl-ewwel seduta li għaliha tiġi ddifferita l-kawża";

3. L-intimati appellaw dan id-digriet għaliex il-Qorti żbaljat meta dehrilha li x-xiehda tal-Perit imsemmi, hija rilevanti. L-apprezzament tal-fatti kollha rilevanti, ġà prodotti, diġà sar mill-Qrati Kriminali kompetenti u għalhekk il-Qorti Ċivili ma tistax tisma' provi oħra, billi meta tagħmel hekk tkun qiegħda effettivament tibdel il-funzjoni tagħha li hija dik li tistabbilixxi l-eżistenza o meno ta' l-artikolu tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li r-rikorrent bħala imputat kellu jirrispondi, u mhux li tinterpreta dak l-artikolu;

4. (a) Ġie kemm-il darba rritenut illi din il-Qorti bħala norma ġenerali, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li teżerċita, il-

Qorti li tkun qed tisma' l-provi, għar-rigward tar-rilevanza ta' l-istess provi; rilevanti li jesiġi l-artikolu 558 Kap. 12. Biex dan isir iridu jirrikorru raġunijiet gravi u serji u fuq kollox impellenti;

(b) Fil-każ preżenti, l-intimati jillamentaw li s-smigħ tax-xhud se jkompli jtawwal kawża li diġà twalet inordinatament, meta jiġi kkunsidrat li din hija kawża kriminali sommarja li bdiet f'Ottubru, 1986, u seba' snin wara, għadha għaddejja. Dan l-argument huwa apprezzat, però, dan il-preżenti appell, fir-realtà ta' l-affarijiet – tawwal aktar il-proċediment milli xort'oħra, *stante* dak li għadu kif ġie rrimarkat hawn fuq (a) u l-konsapevolezza ta' dak li hija l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti in materja;

(ċ) L-artikolu 560(2) Kap. 12 jgħid:

"Meta l-prova li waħda mill-partijiet titlob li ġġib tiġi miċħuda, din il-parti tista' titlob li r-riġett ta' din il-prova jiġi mogħti b'digriet...";

Dan ifisser illi ġaladarba l-Qorti ammettiet it-talba ma kienx hemm lanqas lok li jingħata digriet biex jinstema' x-xhud; u dritt ta' appell huwa kkontemplat biss meta jkun hemm digriet u dan digriet ta' ċaħda u mhux wieħed ta' ammissjoni;

L-appell ta' l-intimati għalhekk jirriżulta inċidentalment ammissibbli u possibbli – ċjoè billi aċċidentalment l-ewwel Qorti għaddiet biex tagħti digriet, għaliex setgħet liberament tammetti l-produzzjoni tax-xhud b'sempliċi ordinanza jew direttiva proċedurali li, min-natura tagħha stess, mhix appellabbli – ħlief naturalment meta jsir appell wara li tiġi ppronunzjata sentenza;

5. Jirriżulta għalhekk li l-appell ta' l-intimati huwa radikalment inammissibbli u qed jiġi rriġettat;

L-atti għandhom jintbagħtu quddiem il-Prim'Awla tal-QortiĊivili għall-opportuna kontinwazzjoni u konklużjoni tal-kawża;

Spejjeż għall-intimati appellanti;